Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Numru. 354/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Maria Dolores Mizzi bint Joseph Abela u Angela nee' Borg, imwielda it-03 ta' Marzu 1963 u residenti fil-fond Villa Lawrence, Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita' 16163(G)**

**U**

**Dr. Joseph Vella MD imwieled fil-05 ta' unju 1956 u residenti fil-fond Jacaranda 52, Triq Dun Karm, Iklin Malta jew St. Joseph, Triq San Gwann, Naxxar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 413656(M).**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Mara Dolores Mizzi u Dr. Joseph Vella li gew akkuzati talli nhar id-29 ta’ Ottubru 2006, 08.11.2006 u it-23.03.2007 u fil-jiem ta’ qabel fi Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex:-
1. minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra il-ligi, izda sabiex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Coronato Pace fil-pussess ta’ hwejjgu.
2. bi hsara ta’ sid jew ta’ detentur ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta’ Coronato Pace jew ta’ haddiehor mhux imsemmija fil-paragrafi ta’ qabel dan l-artikolu u lanqas banda ohra f’dan il-Kodici (art.340D Kap.9).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat tar-*raggion fattasi* u dak tal-vjolazzjoni ta’ proprjeta ghad-detriment ta’ Coronato Pace, il-parti leza. Illi l-akkuza tindika tlett dati partikolari li fihom allegatament gew kommessi dawn ir-reati u cioe’ d-29 ta’ Ottubru 2006, it-08 ta’ Novembru 2006 u t-23 ta’ Marzu 2007 u “fil-jiem ta’ qabel”, liema data jew dati izda mhux indikati. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni u l-parti leza jinhtigielhom jippruvaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li f’dawn it-tlett dati partikolari gie kommess xi att arbitrarju u estrem minn naha tal-imputati li permezz tieghu l-parti leza gie mfixkel fil-pussess ta’ hwejgu, jw inkellha gie zvestit mill-proprjeta tal-istess.

Illi l-uniku data li tohrog mill-provi hija dik tad-29 ta’ Ottubru 2006 meta mill-afidavit tal-PS1377 Emanuel Cilia jidher illi fiha l-parti leza ghamel rapport peress illi meta mar fl-ghalqa tieghu li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala Andar ix-Xghari, Triq il-Wileg, Qala huwa innota li mal-passagg komuni li minnu huwa jallega li jgawdi dritt ta’

mghodija, kienu inzerghu xi xtieli u sigar. Huwa irraporta illi dawn gew imissu ezatt mal-passagg. Jirrapporta illi l-ghalqa fejn inzerghu dawn is-sigar u xtieli hija proprjeta ta’ Dr. Joseph Vella Baldacchino u li dawn inzerghu mill-imputata Maria Dolores Mizzi. Dana jafu ghaliex ighid illi raha qed tizraghhom. Meta s-surgent 1377 acceda fuq il-post huwa innota dawn is-sigar u xtieli li fi kliemu “kienu kwazi jmissu mal-passagg”.

Illi meta jixhed Coronato Pace huwa jsemmi illi l-imputati apparti li hawlu s-sigar, ighid li bnew ukoll hajt. Isemmi wkoll li saret xatba li tkun maghluqa u li ghalhekk huwa ma jkunx jista’ jghaddi minn dana l-passagg ghal-proprjeta tieghu. Izid ighid illi ma jafx min ghamel ix-xatba. Dati ma jindikax meta dana sehh, izda jghid illi dana x-xoghol sehh f’Ottubru ta’ sentejn jew tlieta precedenti d-data meta taha x-xhieda tieghu fil-Qorti. Il-parti leza jixhed fil-11 ta’ Novembru 2008 u ghalhekk l-allegat reat sehh jew fl-2006 jew fl-2005. Wara dana huwa esebixxa sensiela ta’ kuntratti u pjanti sabiex jindika minn fejn jemani dana d-dritt.

Illi meta jixhed l-imputat Dr. Joseph Vella huwa wkoll ighid illi l-pjanti saru mal-genb tal-passagg u fuq l-art tieghu. Isostni illi l-kwerelant ma jgawdi l-ebda dritt ta’ passagg minn fuq l-art tieghu u finalment ighid illi l-imputata Maria Dolores Mizzi hija inkarigata minnu sabiex tiehu hsieb il-proprjeta tieghu u timxi fuq struzzjonijiet tieghu.

Illi ghalhekk qabel ma l-Qorti ser tidhol biex tezamina jekk il-parti leza igawdix xi dritt ta’ passagg o meno, trid bil-fors tara jekk giex kommess xi att spoljattiv, x’kien, minn min sar u meta. Illi bir-rispett kollu mill-provi prodotti dawn l-elementi kollha ma jirrizultawx ippruvati ghajr ghall-att konsistenti fit-thawwil tas-sigar u tax-xtieli li gie ikkonstatat mis-surgent Cilia fid-29 ta’ Ottubru 2006. Ma hemmx provi ghar-rigward tar-rapporti li saru, jekk fil-fatt saru, fl-okkazzjonijiet l-ohra indikati fl-akkuza. Lanqas ma giet ipprezentata xi kwerela tal-parti leza fejn huwa jindika d-dati ezatti u l-att f’hiex kien jikkonsisti. Illi bir-rispett kollu lejn il-partijiet din m’hijiex xi kawza civili fejn il-Qorti trid tidhol biex tezamina d-drittijiet rispettivi spettanti lill-

partijiet u ghalhekk tezamina kuntratti, dokumenti u pjanti minn fejn jista' jidderiva dana t-titolu. Dana l-ezercizzju jispetta lil qrati civili u l-partijiet ma jistghux juzaw il-qrati ta' gurisdizzjoni penali sabiex jiksbu xi dikjarazzjoni dwar min ghandu titolu o meno. Hawnhekk il-parti leza l-ewwel u qabel kollox jenhtieglu jgib prova dwar dak li tallega u cioe' dwar il-kummissjoni tal-att spoljattiv da parti tal-imputati, haga li ma ghamilx billi fl-atti ma hemmx l-icken prova dwar dan ghajr ghall-fatt illi huwa jsemmi fix-xhieda tieghu illi saret xi xatba u nbena hajt u jesebixxi xi ritratti. Ma jghidx meta saru jew minn min, kif saru u fejn.

Fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, trid issir il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-kummissjoni o meno tal-att minn naha tal-imputat jew imputati f'dana l-kaz, li tista' twassal ghal sejbien ta' htija. Dina l-prova ma saritx. Illi l-uniku prova li fiha xi dettal temani mill-affidavit tas-surgent Cilia u dana biss b'referenza ghad-data tad-29 ta' Ottubru 2006, izda minn dina x-xhieda jirrizulta illi x-xtieli u s-sigar thawlu mal-genb tal-passagg u l-parti leza ghalhekk ma ressaqx prova inkonfutabbli illi t-thawwil ta' dawn il-pjanti qed jostakolaw xi dritt ta' passagg. Provi ghar-rigward tad-dati l-ohra fl-atti ma hemmx u ghalkemm fl-akkuza l-prosekuzzjoni tindika bil-kliem "fil-jiem ta' qabel" madanakollu ma tindikax fil-jiem ta' qabel liema data billi fl-akkuza hemm indikati tlett dati u l-ewwel zewg dati certament jaqghu fil-kliem "fil-jiem ta' qabel" u kwindi l-istess frazi fl-akkuza hija superfluwa. Lanqas ma jindika d-dati l-parti leza u fix-xhieda tieghu jindika Ottubru tas-sena 2005 jew 2006 izda ma hux cert f'dan.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat jallega illi l-imputata Maria Dolores Mizzi tiehu hsieb il-proprjeta tieghu fuq istruzzjonijiet tieghu. Dak biss ighid l-imputat izda ma jindikax x'xogholijiet ghamel u meta ghamilhom ghajr ghas-sigar li jikkontendi illi dawn saru fil-genb tal-passagg.

Billi allura dawn l-elementi essenzjali ghal sejbien ta' htija ma gewx ippruvati, il-Qorti m'hijiex ser tghaddi sabiex tezamina jekk il-parti leza giex imfixkel fil-pussess ta'

hwejjgu jew jekk kienx hemm xi vjolazzjoni ohra ta' proprjeta'.

Ghaldaqstant billi l-akkuzi ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------